MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Numru. 23/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**versus**

**Gordon Zerafa.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Gordon Zerafa ta’ 21 sena bin Louis u Mary Assunta nee Camilleri mwieled il-Marsa fis-17 ta’ Marzu 1982 u joqgħod 106 Triq il-Marsa, Marsa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 205882 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Frar 2004 u xahar qabel, gewwa Paceville u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:

(a) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstacy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 (1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat;
(b) talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu b'sentenza tal-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula fit-28 ta' Jannar 2004 mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat bin-numru 2058 tas-sena 1982, l-Ordni ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Ottubru 2004, l-istqarrija ta' l-imputat a fol 4, ir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li kien mahtur mill-Qorti fit-13 ta' Lulju 2006 biex jaghmel analizi ta' l-esebit.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi fit-22 ta' Frar 2004 waqt li kien qed isir disco gewwa Paceville l-pulizija kienet waqqfet lil Gordon Zerafa. Fil-fatt kienet sabet tliet pilloli allegatament ecstacy fuqu u meta kien kkonfrontat mill-pulizija kien nnutat qed jarmi dawn it-tliet pilloli fl-art.

Fil-fatt fil-vicinanzi ta' l-istess imputat kien hemm pilloli ohra izda l-pussess ta' l-imputat huwa marbut ma' tliet pilloli biss.

Xehed PC 1220 Chris Baldacchino li qal li meta kienu fl-Eden Arena fit-22 ta' Frar 2004, kien hemm persuna li kienet avvicinat lil Gordon Zerafa l-imputat u din il-persuna ghaddiet lill-imputat xi pilloli f'idejh. Malli l-pulizija resqu vicin tieghu, PC 1220 Chris Baldacchino u PC 1013,

indunaw li kienu tlieta fil-fatt il-pilloli u PC 1220 Chris Baldacchino zammlu idejh.

Malli wasal PC 1013 biex izommlu idejh wkoll, l-imputat remiehom ma' l-art u PC 1013 gabarhom.

PC 1013 Raymond Debono xehed illi fit-22 ta' Frar 2004 waqt ir-random checks fl-Eden Arena huma kienu ghamlu check fuq l-imputat Gordon Zerafa li kif appena PC 1220 zammlu idejh, dan Gordon Zerafa l-imputat rema tliet pilloli fl-art u PC 1013 Raymond Debono gabarhom minn hdejn saqajn l-imputat (fol 15).

L-Ispettur Nezren Grixti kien pprezenta t-tliet pilloli allegatament ecstacy fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2006. Huwa kompla jghid a fol 23 lil kienu dawn it-tliet pilloli li l-pulizija raw lill-imputat jarmi u mhux l-erbgha l-ohra li nstabu fl-art.

A fol 26 il-prosekuzzjoni insistiet illi l-espert jaghmel l-ezamijiet fuq it-tliet pilloli biss li kienu marbuta ma' l-imputat.

Xehed PC 1220 Chris Baldacchino u kkonferma li kienu t-tliet pilloli li elevaw minn fuq Gordon Zerafa fid-dokument NG 42/2006. A fol 33 huwa qal 'Iva dawn kienu f'idejn l-imputat u malli resqu lejh huwa remiehom ma' l-art u kienu elevawhom minn tahtu.'

Dwar l-erba' pilloli l-ohra huwa qal li dawn instabu fil-vicinanzi ta' l-imputat izda la hu u lanqas PC 1013 ma rawh jarmiehom.

Xehed PC 1013 Raymond Debono li qal li jiftakar li kien assista lil PC 1220 fl-Eden Arena gewwa San Giljan u jiftakar li kien hemm tliet pilloli ma' l-art li kien gabarhom PC 1220. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq l-esebit. Dwar l-erba' pilloli l-ohra huwa qal li ma kien jiftakar xejn dwarhom.

L-Ispizjar Mario Mifsud kkonferma li s-sustanza misjuba fit-tliet pilloli li kienu indikawlu il-pulizija li kienu go bicca plastic trasparenti, kellhom fil-fatt is-sustanza methylenedioxymetamphetamine (MDMA).

Rega' ttella PC 1013 in kontro ezami. Hu qal li kien hemm hafna nies fil-party. PC 1220 kien qed josserva lill-imputat li kellu xi haga f'idu. Kien dan ix-xhud li zamm idejn l-imputat (fol 47). Fil-post kien hemm dawl jifflexxja (fol 50).

In kontro ezami xehed ukoll PS 1220 Chris Baldacchino li qal li l-post kien mimli sew u d-dawl kien wiehed ta' disco (fol 55). Is-suspett kien gieh x'hin ra lill-imputat b'idejh miftuhin qed ihares lejn idejh. Hemm gieh is-suspett li l-imputat seta' kellu xi haga f'idu (fol 57). X'hin resaq vicin l-imputat u allura seta' jara x'kellu l-imputat f'idu. Kien hawn li pogga idejh fuq il-polz ta' l-imputat u dan ghalaq idejh u hawn hekk kien fejn ix-xhud qallu li kien pulizija. Dak il-hin telaqhom minn idejh (fol 58). Imbghad zammlu idejh u telaqhom ma' l-art. Ix-xhud mill-ewwel tbaxxa ma' l-art u gabarhom. L-imputat nnega kollox (fol 61). L-istess xhud rega' qal li kien l-imputat li telaq il-pilloli minn idu u li kien propju dan ix-xhud li gabarhom minn ma' l-art. Huwa qal a fol 61 'tlieta rajt jaqghu minn idejn l-imputat u imbghad iktar 'l boghod kien hemm erbgha ohra li kienu jidhru li kienu fl-stretch and seal.'

Xehed l-Ispizjar Mario Mifsud in kontro ezami li qal li wahda minnhom kien fiha tliet pilloli bojod li kienu go bicca plastic trasparenti filwaqt li fid-dokument l-iehor kien hemm borza b'erba' pilloli bojod.

Xehed ukoll l-imputat Gordon Zerafa li qal li kien mat-tfajla tieghu u kien miexi maghha. Imbghad hass lil xi hadd jaqbadlu idejh u jghidlu li kien pulizija. Fethulu idejh u ma kellu xejn. Imbghad ghamlu tfittxija ma' l-art u sabu dawn iz-zewg pakketti li semma li kien hemm 7 ecstacy. Huwa baqa' jghid a fol 72 li kien zball tal-pulizija u li qabel kien kellu kaz fuq il-haxixa u kien ammettiet mill-ewwel pero

dan ma setax jammettieh ghax dan zgur zball min-naha tal-pulizija.

Xehdet Charmaine Gatt li qalet li hi u l-imputat kienu mexjin id f'id, hi quddiem u hu warajha. Imbghad semghet 'pulizija, pulizija.' Dawn qabzu t-tnejn fuq Gordon u firduhom. Imbghad rat tnejn johorguh barra mid-dance floor. Habiba taghha kienu qabdu lill-imputat bl-ecstacy. Hi qalet li kienet ilha taf lill-imputat 8 snin u qatt ma kienet taf li kellu x'jaqsam ma dawn l-affarijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-imputat innega fl-istqarrija tiegħu li l-pilloli li kienu elevaw il-Pulizija kienu tiegħu. Meta xehed saħansitra qal lid an kien żball tal-Pulizija għaliex meta kien inqabad bil-cannabis huwa kien ammetta mill-ewwel.

Madankollu l-Qorti ssib li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu altru milli żguri minn dak li qed jgħidu. Fejn ma kinux ċerti – dwar l-erba' pilloli l-oħra li nstabu mal-art- ma nsistewx li b'xi mod jorbtuhom mal-imputat. Effettivament saħasnitra ntalab li ssir analiżi tat-tliet pilloli li l-Prosekuzzjoni rabtet mal-imputat u mhux tal-pilloli l-oħrajn. Kemm ix-xhieda ta' PC 1013 Raymond Debono u PC 1220 Chris Baldacchino huma ċarissimi b'PC 1220 Chris Baldacchino jikkonferma li f'idejn l-impujtat kien hemm tliet ecstasy fil-mument li żammlu idejh. PC 1013 ġabarhom mal-ewwel. U dan ma ntqalx darba iżda kien irrepetut a fol 33, a fol 58, a fol 59, a fol 60 u a fol 63 (malli telaq il-primli minn idu ġbart il-pirmli minn mal-art'.

Il-Qorti lanqas għandha l-iċken dubju li l-imputat kellu tliet pilloli f'idejh. Dawn kienu fil-qrib u raw l-azzjoni kollha. Il-fatt li f'disko ikun hemm dawl itepep jew jifflexxja ma jfissirx li wieħed ma jistax jara l-azzjonijiet li kienu qed isiru.

Il-Pulizija kellhom viżwali tajba, kienu fil-qrib u kienu fil-post biex josservaw u għalhekk ikunu la qiegħed hemm għax-xogħol tkun aktar alert.

Il-Qorti lanqas m'hija konvinta bl-argument li d-disko kien hemm ħafna nies u allura hemm xi dubju li għandu jmur favur l-imputat. Ukoll id-dubju jrid ikollu xi bażi u f'ċirkostanzi fejn il-Pulizija qagħdet ferm attenta li ma takkużax lill-imputat b'pilloli oħra li nstabu fil-qrib tal-imputat, aktar u aktar din il-Qorti hiaj ċerta li ma jeżisti ebda dubju li l-imputat kellu f'idejh tleit pilloli ecstasy (fatt forensikament ippruvat)

Il-Qorti ma kienet xejn konvinta mix-xhieda li ta l-imputat minn fuq il-pedana. Il-fatt li wieħed ma jkunx ammetta fl-istqarrija ma jfissirx li ma jkunx hemm provi alternattivi li jistgħu jinġiebu biex jippruvaw imputat hux ħati.

Huwa sinifikanti li l-imputat inqabad bl-ecstasy anqas minn xahar (22.02.2004) wara li kien liberat b'kundizzjoni mill-Qorti (28.01.2004) kif jirriżulta mill-fedina penali li għandha l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat. Għalhekk kien jaf li kien għaddej minn sena ta' prova. (Il-fedina penali tibqa' prova ta' dak li wieħed kien ikkommetta wkoll jekk mhix biżżejjed bħal prova ta' ksur ta' kundizzjoni jew tar-reċidiva).

It-tfajla tal-imputat qalet li hi kienet quddiem u l-imputat naqra warajha. Allura kif setgħet tara x'qed jiġri? U jekk kienet taf lill-imputat tmien snin u 'qatt ma ħa dawn l-affarijiet', possibbli ma kenitx taf li tliet ġimgħat qabel kien instab ħati ta' pussess tar-raża tal-cannabis?

Il-Qorti għalhekk qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Hawn id-difiża korrettement issottomettiet li ma nġiebet ebda prova ta' din l-imputazzjoni għax ma kienetg ippreżentata ebda sentenza u ma kienx hemm xi

eżenzjoni da parti tad-difiża beix din is-sentenza ma tkunx ippreżentata.  Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 u l-artikolu 23 tal-Kap 446 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tillberah mit-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' €468 liema multa tista' titħallas b'pagamenti ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum.

Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa.  Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas 3/7 tal-ispejjeż tal-espert imqabbad mill-Qorti €129.88.  Dan għandu jsir fi żmien xahar mil-lum.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------